# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja, M.A. (Law), LL.D. (melit)*

Illum: 14 ta' Diċembru, 2015

**Il-Pulizija (Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Nazareno Mercieca (ID 130988 (M)**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Nazareno Mercieca (ID 130988 (M)** li ġie akkużat talli f'dawn il-gżejjer f'Ġunju 2011 u fix-xhur qabel din id-data : -

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma

kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli f'dawn il-gżejjer f'Lulju 2013 u fix-xhur qabel din id-data : -

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma

kellu liċenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

talli f'dawn il-gżejjer fis-26 ta' Lulju 2015 : -

3. kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 6 tal-ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew mod ieħor awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor liċenzjat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

4. kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni għall-

importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 6 tal-ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew mod ieħor awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor liċenzjat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

kif ukoll talli fil-25 ta' Novembru 2015 :-

5. kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 6 tal-ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew mod ieħor awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor liċenzjat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi

ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

6. kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 6 tal-ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew mod ieħor awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor liċenzjat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

talli fil-25 ta' Novembru 2015 ġewwa l-Floriana : -

7. saq vettura tal-għamla Renault Megane ta kulur griż bin-

numru tar-reġistrazzjoni FAI-431 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

8. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

9. u aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Imħallef A. Mizza nhar is-17 ta' Ġunju 2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti ezżebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2015, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik l-

ammissjoni u kkoncedietlu żmien bizzejjed biex jerġa' jikkonsidra t-twegiba tiegħu u jekk irid jerġa' lura minnha anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat Difensur;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża fosthom lill-Uffiċjal Prosekutur li stqarr li :

(a) f'dan il-każ l-imputat, bil-mod tiegħu, ikkopera mal-Pulizija fl-istadju tal-istqarrija;
(b) Illi mingħajr ma jnaqqas mir-responsabbilta tal-imputat, huwa għandu problema akuta mill-vizzju tal-abbuż tad-droga u li kien jirrikorri għall-bejgħ tad-droga wkoll biex ikun jista' jsostni l-vizzju tiegħu;
(c) Illi l-ammont ta' droga misjuba fuq l-imputat, li kienet tvarja bejn herojina u kokajina kienet instabet f'ammonti żgħar u ftit grammi imqasmin fuq perjodu ta' żmien;
(d) Illi inoltre mill-mod kif instabu l-qratas kienu jindikaw li kienu lesti biex jinbiegħu u għalhekk il-purita tagħhom kienet meqjusa dik normali li tinstab meta droga simili tiġi spaċċata fit-triq;
(e) Illi l-imputat kien jimmerita piena ta' priġunerija effettiva iżda kien jeħtieġ li matul iż-żmien li jagħmel il-ħabs huwa jkun imbiegħed mid-droga.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur li tenna li : -

1. l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta ħtijietu fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri u għalhekk kien jimmerita temperament fil-piena;
2. l-imputat huwa verament maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u kien biss għal ftit snin li kien irnexxielu joqgħod lura mid-droga iżda kien reġgħa waqgħa għaliha; iżda huwa jixtieq li jerġa jipprova joħroġ minn dan il-vizzju;
3. li l-Qorti għandha turi klemenza mal-imputat u tgħinu biex bil-piena li jingħata ma tintilifx ir-rieda li jipprova jegħleb il-vizzju tad-droga;
4. li l-multa li għandha tiġi inflitta skont il-Liġi għandha tkun waħda li tkun toqrob lejn il-minimu skont il-Liġi u dan peress li l-imputat ma jaħdimx u mhux faċli għalih li jsib impjieg.

***Ikkunsidrat :-***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, liema ammissjoni ġiet reġistrata minnu fl-istess jum li ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Qieset ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni tagħha, kif jirriżulta ċar minn dak li qal l-Uffiċjal Prosekutur.

***Decide***

Li wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50, 338(ee) u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, nonche l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, qed issib lill-imputat **Nazareno Mercieca** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena komplessiva ta' sentejn u nofs priġunerija kif ukoll multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) li għandha titħallas sa' żmien tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jiskeb liċenza tas-sewqan għal-perjodu ta' sena.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mal-użu tad-droga, eżebiti fl-atti u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Inoltre stante li fil-proċeduri de quo ma saru ebda spejjeż t'esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Mogħtija illum l-14 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

***Aaron M. Bugeja.***